TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 435/10

**Eugenia Vella**

**vs**

**Strada – Shoes & Bags**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' erbgħa u tletin ewro (€34), rappreżentanti prezz ta' sandli bis-*sale* li għamlilha ħsara f'saqajha.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għall-ewwel seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat sandli bis-*sale* mingħand id-ditta intimata u wara li libsitu għamlilha l-ħsara f'saqajha.

L-intimat issottometta illi s-sandli ma kellu xejn ħażin u li r-rikorrenti damet ħafna tippruvah qabel ma xtratu.

It-Tribunal ordna li s-sandli jiġi ppreżentat fit-Tribunal, u fil-fatt hekk sar u spezzjona s-sandli, fejn jinnota li hemm differenza fil-livell tas-sandli u li għalhekk jista' jkun li qed tpoġġi pressjoni fuq il-biċċa ta' quddiem.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jikkonkludi li s-sandli ma fih xejn ħażin.

Għaldaqstant it-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888